# FLOS CARMELI ... CARMELITIS DA PRIVILEGIA

**(mir-Rev. Dr. V. Borg Gusman, O.Carm.)**



Il-FLOS CARMELI hija t-talba li biha San Xmun Stock, O.Carm., kien iħannen u jraħħam lill-Verġni Marija biex tagħti lill-Karmelitani xi privileġġ: **CARMELITIS DA PRIVILEGIA**. L-ewwel 15-il sena, wara li l-irħieb tal-Karmelu emigraw uffiċjalment fl-Ewropa,[1] kienu snin ta' tiġrib kbir għall-Ordni ta' Marija, l-aktar fl-Ingilterra. San Xmun Stock ma ħamilx jara lill-Ordni tiegħu jinqered u jmut fuq ommu. Għalhekk, mill-kunvent ta' Aylesford, kien jitlob lill-Madonna għall-għajnuna. Sa fl-aħħar, nhar is-16 ta' Lulju 1251, hija semgħetu u qaltlu li l-Labtu kellu jkun il-privileġġ.

Minn tletin sena 'l hawn il-kelmtejn: "da privilegia" ħadulhom posthom tnejn oħra: "esto propitia". Diversi provinċji ta' l-Ordni Karmelitan, huma u jtennu kuljum il-**FLOS CARMELI**, jgħidu l-kelmtejn

1. Skond Vinċenz ta' Beauvais (+1264), il-Karmelitani emigraw fl-Ewropa fl-1238. L-istoriku ta' l-Ordni Joachim Smet jagħmilha ċara, li din mhix ħlief data approssimativa. Min-naħa tagħhom Gava u Coan jispeċifikaw li data bħal din għandha x'taqsam mal-emigrazzjoni ġenerali u uffiċjali, u mhix ma' dawk l-emigrazzjonijiet Karmelitani ftit u xejn privati; Smet, *The Carmelites*, v. 1, Private Printing, 1975, p. 12; Gava-Coan, *Carmelo*, Roma, 1951, pp. 99–100.

deffiesa ta' **ESTO PROPITIA**. Sewwa jew le?

## MISSAL MANUSKRITT FIL-BRITISH MUSEUM TA' LONDRA

Għall-ewwel li bdiet issir it-Tifkira Solenni tal-Madonna tal-Karmnu, il-liturġija ta' l-Uffiċċju divin u tal-Quddiesa kienet tittieħed minn dik komuni tal-Madonna ta' nhar ta' Sibt. Kulma kien hemm proprju kienu: "Oremus" fl-Uffiċċju divin u fil-Quddiesa, kif ukoll il-**FLOS CARMELI** u s-"Secreta", jiġifieri t-talba li jgħid is-Saċerdot wara l-Offertorju, fil-Quddiesa.[2]

L-eqdem dokument li jagħtina ħjiel tal-liturġija tal-quddiesa, nhar il-festa tal-Madonna tal-Karmnu, huwa missal manuskritt li jinsab fil-*British Museum* ta' Londra, miktub bejn is-snin 1387 u 1393.[3] Fuq dan il-missal Margaret Rickert, professoressa ta' l-arti fl-Università ta' Chicago, kitbet żewġ artikli tassew interessanti. It-tnejn iġibu l-isem ta': *"The reconstruction of an English Carmelite Missal"*, imma wieħed hu ppublikat f'*"The Burlington Magazine"* tal-1935 u l-ieħor fil-perjodiku: *"Speculum"* tal-1941.[4]

B'xorti ħażina l-**FLOS CARMELI** mhijiex sħiħa f'dan il-missal. Jidhru biss il-kelmiet" *"... endor celi virgo"* u *"set viri nesci..."*.[5] Għalhekk ma nafux, jekk l-istrofa li tiġi eżatt wara dik ta': *"viri nescia"* (= ma tagħrafx raġel), kenitx ta': *"Carmelitis da privilegia"* (= agħti lill-Karmelitani xi privileġġ) jew ta': *"Carmelitis esto propitia"* (= kun propizja, favorevoli, mal-Karmelitani).

## IL-KATALGU TAL-QADDISIN

Dokument ieħor, kważi ta' l-istess żmien tal-missal ta' Londra, huwa l-*CATALOGUS SANCTORUM*, ta' awtur mhux magħruf. Huwa ġabra ta' tagħrif x'aktarx qasir fuq il-Qaddisin ta' l-Ordni Karmelitan. Jekk wieħed jgħarbel il-kontenut kollu ta' dan il-katalgu, kif ukoll ir-redazzjonijiet tiegħu li nafu bihom illum,[6] bilfors jasal biex jgħid li nkiteb wara s-sena 1411, għaliex fih elementi meħudin mit-traduzzjoni Taljana tal-**"Viridarium"** ta' Giovanni Grossi, li hi ta' wara s-sena 1411. Imma hemm fih elementi aktar antiki dipendenti minn l-i*Speculum* ta' Gwann de Chimineto (1337) u mill-polikitba ta' Gwann de Hildesheim (+1375).[7]

It-test ta' dan il-katalgu nsibuh mniżżel f'diversi kodiċijiet, fosthom dawn l-erbgħa:

a) *Bamberg*, fil-Bibljoteka ta' l-Istat, ms. theol. 218, ff. 242, cm. 21 x 15.5;[8]
b) *Oxford*, fil-Bibljoteka Bodleiana, ms. Laudianus misc. 722, ff. 154, in 4°;[9]
ċ) Pariġi, fil-Bibljoteka Nazzjonali, ms. lat. 5615, ff. 108r–146r;[10]
d) *Brussels*, fil-Bibljoteka Nazzjonali, ms. 2223 (20046–20053), ff. 161, cm. 21 x 14. Hu magħruf bl-isem "Legendae abbreviatae".[11]

Dawn il-kodiċijiet huma kollha tas-seklu XV, għajr dawk ta' Pariġi u ta' Brussels.[12] Xi partijiet tal-kodiċi ta' Pariġi, kif insibu mniżżel fil-*Catalogus codd. mss. Bibliothecae regiae* (P. 3, t. 4 – Parisiis, 1744 – p. 141) huma tas-Seklu XV. Imma oħrajn, skond xi paleografi, huma aktar bikrin: jew tas-

2. Cf. Ludovico Saggi, O.Carm., *Breve corso di storia dell'Ordine Carmelitano* (pro manuscripto): *La Madonna e l'Ordine*, Roma, 1970, p. 10.
3. Mss. Addit. 29704–29705; Saggi, *La Madonna*, p. 7; Augustinus Forcadell, O.Carm., *Commemoratio solemnis Beatae Mariae Virginis de monte Carmelo: historia et liturgia*, Romae, 1951, pp. 31–32, 63.
4. *The Burlington Magazine*, 67 (1935) 99–113; *Speculum*, 16 (1941) 92–102.
5. Cf. Saggi, *o.c.*, p. 11.
6. Cf. Bartholomaeus Xiberta, O.Carm., *De visione Sancti Simonis Stock*, Romae, 1950, pp. 281–313.
7. Cf. Saggi, p. 19.
8. Cf. Xiberta, p. 84; għat-test sħiħ, pp. 285–295.
9. Cf. Id., p. 84.
10. Cf. Id., pp. 86–87; għat-test sħiħ, pp. 295–307.
11. Cf. Id., pp. 89–92; għat-test sħiħ, pp. 307–313.
12. Cf. Saggi, pp. 19–20

seklu XIV jew tal-bidu tas-seklu XV.[13]

Fl-ewwel tliet kodiċijiet li semmejna (Bamberg, Oxford, Pariġi), tissemma espressament il-**FLOS CARMELI** u, wara l-kelma **CARMELITIS**, insibu bid-dieher **DA PRIVILEGIA.**[14] Ukoll it-test tal-katalgu, kif inhu mniżżel minn Battista de Cathaneis, O.Carm., fl-l*Speculum* tal-1507, fih il-kelmiet: **CARMELITIS DA PRIVILEGIA.**[15]

Il-kodiċi ta' Brussels ma fihx il-**FLOS CARMELI**. B'danakollu hemm li San Xmun Stock kien jitlob lill-Verġni Marija biex tagħti lill-Ordni tagħha (l-Ordni Karmelitan) xi privileġġ. Hi dehritlu bl-iskapular (il-labtu) f'idha, u qaltlu: **HOC TIBI ET TUIS PRIVILEGIUM.**[16] Li kieku l-Qaddis ma talabx lill-Madonna xi privileġġ, kif setgħet qatt hi tgħidlu, li l-Labtu huwa **l-privileġġ**? Għalhekk, f'dan il-kodiċi, għandna wkoll xhieda indiretta favur id-**DA PRIVILEGIA**.

**FAVUR L-ESTO PROPITIA**

Fl-1970, il-Prof. Ludovico Saggi, O.Carm., ippublika l-lezzjonijiet tiegħu, dwar l-istorja ta' l-Ordni Karmelitan, lill-istudenti tal-Kulleġġ Internazzjonali Karmelitan ta' Ruma: San Albert.[17] Fost diversi temi, jittratta mid-dehra tal-Madonna lil San Xmun Stock u wkoll mit-talba tal-**FLOS CARMELI**.

Jiġbed l-attenzjoni tas-semmiegħa/qarrejja li l-**FLOS CARMELI** mhix sħiħa fl-ewwel quddiesa li nafu biha, misjuba fil-Missal ta' Londra: *"Il Flos Carmeli non l'abbiamo completo nella prima Messa che conosciamo nel messale di Londra".*

Għalhekk, ma nafux, jekk kienx hemm fiha l-frażi: *"Carmelitis da privilegia"*, jew *"Carmelitis esto propitia"*: *"Quindi non sappiamo se la strofa aveva la frase 'Carmelitis da privilegia' o 'Carmelitis esto propitia':"*

Isemmi mbagħad il-Katalgu tal-Qaddisin u, filwaqt li jammetti li l-kelmtejn "da privilegia" jinsabu f'reċenzjonijiet aktar elaborati tiegħu, imma bil-maqlub il-**FLOS CARMELI** ma tissemma xejn fir-redazzjoni tal-*"Legendae abbreviatae"*, jiġifieri fil-kodiċi ta' Brussels: *"mentre il 'da privilegia' è in recensioni più eleborate del Catalogo dei Santi (non c'è per niente il **Flos Carmeli** nella redazione 'Legendae abbreviatae' ").*

Jibda mbagħad id-difiża favur l-*"esto propitia"*. Jġib tliet argumenti, wieħed storiku u tnejn oħra msejsin fuq il-kelmiet *"Stella maris"* u *"privilegium"*, misjubin fil-**FLOS CARMELI**. L-ewwel xhieda jew argument huwa test liturġiku mniżżel f'kodiċi ta' Bamberg, fil-folja 97v. Skond Saggi, għalkemm dan il-kodiċi huwa xi ftit posterjuri għal-*"Legendae abbreviatae"*, imma hu ta' tmiem is-seklu XIV jew tal-bidu tas-seklu XV: *"('Legendae abbreviatae'); l'**esto propitia**' si ha in qualche testo liturgico di poco posteriore (lo si dice della fine del XIV o inizio del XV secolo; il foglio 97v d'un codice di Bamberg)".*

Is-sies tat-tieni argument huma l-aħħar kelmtejn li bihom tispiċċa l-**FLOS CARMELI**, fejn San Xmun Stock jagħti lill-Madonna t-titlu ta' *Stella maris* (= Kewkba tal-baħar). Saggi jargumenta, li mhix ħaġa loġika li titlob "xi privileġġ" lill-Verġni Marija "Kewkba tal-bahar". Bil-maqlub, hija ħaġa loġika li titlobha, f'xi tempesta, li tkun propizja (twajba, ħanina): *"Logicamente alla 'Stella maris' non si chiedono 'privilegia', bensì che nella tempesta sia 'propitia' ".*

It-tielet u l-aħħar argument huwa mfassal fuq it-tifsira li Saggi jagħti ta' "privileġġ", u s-suppożizzjoni

13. Xiberta, p. 86: "noster catalogus a paleographis, quos consulem, iudicatur saeculi XIV, VIX aut ne vix quidem ineuntis saeculi XV."
14. Cf. Xiberta, *o.c.*: Bamberg (p. 291), Pariġi (p. 302).
15. Cf. *Speculum Ordinis Fratrum Carmelitarum noviter impressum*, Venetiis, 1507, f. 102v–103r.
16. Cod. Brux., Bibl. nat. lat. 2223, f. 147v: "Sanctus Simon natione Anglicus, vir magnae sanctitatis et devotionis, qui semper in orationibus suis Virginem deprecabatur ut ordinem suum aliquo singulari privilegio dotartet. Cui Virgo gloriosa apparuit portans scapulare in manu, dicens: Hoc tibi et tuis privilegium: in hoc mariens salvabitur".
17. *Breve corso di storia dell'Ordine Carmelitano* (pro manuscripto), Roma, 1970.

li San Xmun Stock kien qiegħed jitlob lill-Madonna l-approvazzjoni pontifiċja ta' l-Ordni Karmelitan. Skond dan l-awtur, privileġġ huwa diploma mogħtija mis-sultan. Mela, żgur li mhuwiex favur ta' ġeneru spiritwali. Għalhekk, jekk il-Qaddis kien jitlob l-approvazzjoni pontifiċja ta' l-Ordni, żgur li baqa' b'xiber imnieħer, għaliex il-Madonna weġbitu bi privileġġ ta' ġeneru ieħor: grazzja ta' ordni spiritwali: *"Se poi si vuol metter il testo in relazione alla visione di S. Simone e pensare che il Santo chiedeva l'approvazione pontificia ('privilegium' infatti voleva dire diploma concessa dal sovrano), pare strano che la Madonna risponda con un 'privilegio d'altro genere, cioè una grazia d'ordine spirituale".*[18]

**KAŻ KURJUŻ TA' EX KARMELITAN**

Stennejna li Saggi se jsaħħaħ it-teorija tiegħu, billi jikkwota wkoll lil John Bale favur l-"esto propitia". Morna żmerċ. Forsi ma jsemmihx, minħabba li dan kien ħalla l-Ordni Karmelitan u qaleb Protestant.[19] Twieled f'Novembru 1495 u miet fl-istess xahar, meta kellu 68 sena.[20]

Fost il-polikitba tiegħu, insibu żewġ opri li fihom tissemma l-**FLOS CARMELI**, (it-titlu biss mingħajr il-kontenut ta' din it-talba). Huma: **Catalogus Generalium** (meta kien għadu Kattoliku), u **Ang(e)lorum Heliades** (meta kien Protestant), it-tnejn miktuba bil-Latin.[21] Imma, meta kien għadu Karmelitan (ħalla l-Ordni fl-1530), kiteb Uffiċċju divin għal nhar il-festa tal-Madonna tal-Karmnu.[22] Idaħħal il-**FLOS CARMELI** erba' darbiet:

i. bħala l-antifona tal-Magnificat ta' l-ewwel Għasar;
ii. bħala responsorju tad-disa' lezzjoni, jiġifieri tat-tielet lezzjoni tat-tielet notturn tal-Brevjar Karmelitan;
iii. bħala responsorju wara l-Kapitlu tat-tieni Għasar; u
iv. bħala l-antifona tal-Magnificat tat-tieni Għasar.

Is-sabiħa hi, li f'(i) iniżżel: *"esto propitia"*; f'(ii) *"da prvilegia"*; f'(iii) Flos Carmeli, mingħajr ma jagħti ħjiel jekk hux bil-kelmiet "esto propitia" jew "da privilegia"; u f'(iv) *"sis propitia"*.[23]

Għalhekk l-*"esto propitia"* nsibuha mhux biss fil-kodiċi ta' Bamberg li jsemmi Saggi, imma wkoll f'John Bale. B'danakollu huwa Saggi li jiddefendiha u għamilha magħrufa.

Ngħiduha kif inhi, kemm id-*"da privilegia"* u kemm l-*"esto propitia"* għandhom riħa fewdalistika medjevali, fejn Marija kienet meqjuma mill-Karmelitani b'Patruna u Sidt tagħhom. Għalhekk, skond il-mentalità ta' dak iż-żmien, kellhom il-jedd li jesiġu li l-Madonna tiffavorihom, tkun twajba u ħanina magħhom. Mhux ta' b'xejn, mela, li fil-**FLOS CARMELI** nsibu l-imperativ: ***da*** (privilegia) jew ***esto*** (propitia). Imma, fil-Latin irfinat, meta tkun qed titkellem ma' xi persuna għolja – bħalma hi l-Verġni Marija – frażijiet ta' kmand xejn mhuma rrikmandati. Minflok l-imperativ x'aktarx li jintuża l-konġuntiv preżent.

Irridu nahsbu li din kienet ir-raġuni għaliex Bale juża wkoll *"sis propitia"*. Imma, milli jidher, ma kienx dilettant tal-poeżija. Il-**FLOS CARMELI** hija talba poetika. Għalkemm bil-Latin, imma mhijiex ta' stil Latin, għax ma timxix fuq ir-regoli tal-prosodija Latina. Bil-maqlub, timxi fuq il-metru u r-rima. Fiha żewġ metri b'rima mqabbża. Kull metru hu magħmul minn strofi ta' ħames versi, kull waħda bl-ewwel vers jaqbel mat-tielet, u bit-tieni vers jaqbel mar-raba'. Imbgħad, l-aħħar vers ta' kull strofa

18. *Breve corso: La Madonna e l'Ordine*, p. 11.
19. Cf. Cosmas de Villiers, O.Carm., *Bibliotheca carmelitana*, Aurelianis, 1752; edit. anast. addito supplemento (curavit Gabr. Wessels, O.Carm.), Romae, 1927, t. 1, p. 753.
20. Cf., *ib.*, pp. 753–754.
21. Cf. *ib.*, p. 754.
22. Jinsab f'kodiċi ms. tal-Bibljoteka ta' l-Università ta' Cambridge. Ff. VI, 28, ff. 2r–8r; Forcadell, *o.c.*, pp. 124–130.
23. Cf. Forcadell, p. 125 (esto propitia), p. 129 (da privilegia), p. 130 (Flos Carmeli), p. 130 (sis propitia).

jaqbel ma' l-aħħar vers tat-tieni strofa. Fi kliem ieħor, il-**FLOS CARMELI** għandha din it-tifsila: AB, AB, C; DE, DE, C. Il-metri tagħha mhumiex safjin, imma mħalltin minn versi ta' l-erbgħa u tas-sitta. L-ewwel, it-tielet u l-ħames vers ta' kull strofa huma tal-erbgħa, jiġifieri ta' erba' sillabi kull waħda, filwaqt li t-tieni u r-raba' vers huma tas-sitta.

Għalhekk, għalkemm "*sis propitia*" hija grammatikalment aħjar minn "*esto propitia*", imma fil-każ speċifiku tal-**FLOS CARMELI** mhix tajba, għax tiġi tnaqqas sillaba lill-vers tas-sitta u ttelfu ż-żewġ aċċenti ritmiċi tiegħu, li jridu jaqgħu wieħed fuq it-tieni u ieħor fuq il-ħames sillaba.

Minkejja dan kollu li għedna, is-"*sis propitia*" nsibuha mill-ġdid f'uffiċċju u quddiesa, miktubin minn awtur mhux magħruf. Qiegħda fir-responsorju ta' wara l-kapitlu ta' l-ewwel Għasar; bħala responsorju tad-disa' lezzjoni, għax l-awtur irid li tingħad il-**FLOS CARMELI** bħal fl-ewwel Għasar; u, fil-quddiesa, bħala Sekwenza qabel il-Vanġelu.[24]

**FAVUR ID-"DA PRIVILEGIA"**

Id-"**Da privilegia**" għandha ħafna favur tagħha. Mill-erba' kodiċijiet li semmejna: Bamberg, Oxford, Pariġi u Brussels, tlieta minnhom fihom ċar u tond "**da privilegia**", filwaqt li dak ta' Brussels, magħruf bħala *Legendae abbreviatae*, jissoponi li San Xmun Stock talab lill-Madonna xi privileġġ. Fil-fatt il-Madonna qaltlu: *"Hoc tibi et tuis* ***privilegium****"*. Ukoll f'xi partijiet, il-kodiċijiet ta' Parigi u ta' Brussels huma eqdem mill-kodiċi ta' Bamberg li jsemmi Saggi.[25]

Il-kittieba ta' l-Ordni ta' qabel John Bale kollha huma favur id-*"da privilegia"*. Nagħtu eżempji:

– THOMAS BRADLEY, (+1491), *Tractatus de fundatione, intitulatione, antiquitate, regula et confirmatione ordinis fratrum B.V. Mariae de monte Carmeli*:
"Simon Stock ... Dei gloriosam genitricem iugiter deprecabatur, ut Carmelitarum ordinem ... aliquo communiret privilegio, dicens ... Flos Carmeli ... Carmelitis *Da privilegia*".[26]

– NICOLÒ CALCIURI, *Vita fratrum del sancto monte carmelo*, 1461:
"Lu santissimo frate Simone ... pregava la Vergine Maria che ... che comunisse e dotasse con alcuno singular previlegio. Dicendo ... fiore carmelita ... alli tuoi carmeliti *da alcuno previlegio*".[27]

– BALDUINUS LEERSIUS (+1483), *Collectaneum exemplorum et miraculorum:*
"S. Simon, cognomento Stoc ... saepius virginem gloriosam ... ut suo titulo insignitos pariter communiret privilegio, dicens ... Flos Carmeli ... Carmelitis *Da privilegia*".[28]

– ARNOLDUS BOSTIUS, (+1499), *Speculum historiale sectatorum ss. Prophetarum Eliae et Elisei:*
"... beata virgo tradidit scapulare sancto Simoni Stock ...; ipse vir sanctus Dei gloriosam Genitricem iugiter deprecabatur, ut ... aliquo singulari communiret privilegio, dicens ... Flos Carmeli ... Carmelitis *Da privilegia*".[29]

– IOANNES PALAEONYDORUS (+1507), *Fasciculus trimerestus (tripartitus) historiarum prophetici et eliani ordinis B.mae V. Mariae de Monte Carmelo*, Moguntiae, 1495 & 1497: "B. Simon, Prior Generalis ... sedulo Mariam deprecabatur ... aliquo singulari privilegio ... decoraret, frequenter sic orando: Flos Carmeli ... Carmelitis *Da privilegia*".[30]

---

24. Il-manuskritt qiegħed fl-Arkivju Ġenerali ta' l-Ordni Karmelitan, Ruma, faxxiklu Liturġija. Insibuh ippubblikat fil-ktieb ta' Forcadell, *Commemoratio Solemnis*, pp. 162–165.
25. Cf. nn. 12, 13, 18 ta' dan l-istudju.
26. Parisiis, Bibl. nat., ms. lat. 5615, f. 94v; cf. Xiberta, *o.c.*, p. 108; *Libellus de institutione fratrum Carmelitarum ordinis*, Cantabrigiae, Bibl. Univ., ms. Ff. 6. 11; Xiberta, pp. 88–89, 102, 107.
27. Cod. ms. conventus Carm. Disc., Florentiae, lib. III, p. 34b; cf. Xiberta, p. 109; *Lo Scapolare*, fasc, 1, Roma, 1950, p. 33.
28. Il-ktieb insibuh imniżżel f'Daniel a Virgine Maria, *Speculum Carmelitanum*, v. 1, Antuerpiae, 1680, pp. 364–374. Il-kwotazzjoni li tajna, qiegħda f'p. 367; cf. Xiberta, p. 110.
29. Mediolani, Bibl. Brera, ms. A.E. XII. 22, lib. I, c. 18, p. 243; cf. 1. VII, p. 464; Xiberta, pp. 113, 114.
30. *Speculum Carm.*, 1680, t. I, p. 258; Xiberta, p. 116; minbarra l-ediz. 1495 u 1497, kien hemm ediz. oħra ta' l-iSpeculum ta' Bostius: Venetiis, 1570.

Għalkemm mill-eqdem dokument li nafu bih, il-missal manuskritt ta' Londra, ma tirriżultax id-dizzjoni awtentika ta' "*da privilegia*" jew "*esto propitia*", b'danakollu, mill-kritika testwali, jirriżulta li d-"*da privilegia*" hija t-tajba. L-ewwelnett, għax hija d-dizzjoni diffiċli, u t-tieni, għaliex nistgħu nispjegaw l-oriġni ta' l-"*esto propitia*".

Fil-każ ta' restituzzjoni ta' test antik li jista' jkollu aktar minn dizzjoni (verżjoni, lezzjoni) waħda, dik diffiċli għandha ġeneralment tiġi ppreferita għal dik faċli.[31] Fid-dawl ta' din in-norma tal-kritika testwali, id-"*da privilegia*" hija d-dizzjoni diffiċli, għax kif qal tajjeb Saggi, lill-Kewkba tal-baħar ma jitolbuhiex privileġġi, imma biex tkun propizja (twajba, ħanina) magħhom f'xi tempesta.

Norma oħra hi, li titqies ġenwina dik id-dizzjoni (verżjoni, lezzjoni) li, għal xi raġuni, minnha tagħraf nisilha d-dizzjoni l-oħra.[32] Fil-każ tagħna, għandna nissoponu li r-raġuni li minħabba fiha l-awtur tal-kodiċi ta' Bamberg (li jsemmi Saggi) daħħal "*esto propitia*" flok "*da privilegia*", għax ra d-diffikultà li tista' toħloq din it-tieni frażi *vis-à-vis* ta' "*Stella maris*". Sewwa sew l-għan tiegħu kien li jippjana u jirrendi t-test tal-**FLOS CARMELI** eħfef u aktar loġiku, mingħajr ma jbiddel l-aċċenti ritmiċi ta' vers tas-sitta.

Jidher li Enrique Esteve, O.Carm., hu ta' din il-fehma. Fl-1641, Girgor Nazjanzenu ta' S. Bażilju, O.C.D., kiteb li dik l-espressjoni tal-**FLOS CARMELI** "*da privilegia*", hija wisq odjuża: "*Le mot de privilege est de soy fort odieux*".[33] Jikkummenta allura Esteve: mela, forsi għalhekk kienet iddaħħlet il-lezzjoni varjanti ta' "*esto propitia*" flok "*da privilegia*" fil-**FLOS CARMELI**: "*Hinc fortasse inducta iam fuit lectio varians* 'esto propitia' *in rythmo **FLOS CARMELI***".[34]

## DA PRIVILEGIA, STELLA MARIS

Fil-fehma tagħna San Xmun Stock, fil-**FLOS CARMELI**, sejjaħ lill-Madonna **STELLA MARIS** minflok b'xi titlu ieħor, għaliex dan jirrima ma' **SINGULARIS**. Għalhekk jista' jkun li Saggi ħalla wisq il-fantasija tiġri bih meta pprefera l-"*esto propitia*" għad-"*da privilegia*", għaliex lill-Kewkba tal-baħar ma jitolbuhiex privileġġi. Nistaqsu: lill-Kewkba tal-baħar jitolbuha teħlishom mill-pesta? Hekk kienu jitolbuha r-reliġjużi Karmelitani ta' xi provinċji ta' l-Ordni: "*O piissima stella maris, a peste succurre nobis*".[35] Ta' min ikun jaf ukoll li, fil-kodiċi ta' l-Università ta' Padova li jitkellem minn San Xmun Stock u l-**FLOS CARMELI**, it-titlu marjan ta' Stella maris ma jeżistix.[36]

Fl-aħħarnett, ma naqblux ukoll ma' l-interpretazzjoni li Saggi ta ta' privileġġ. It-tifsira ta' privileġġ hi bilfors ta' diploma mogħtija mis-sultan? Bilfors li San Xmun Stock, bil-**FLOS CARMELI**, kien jifhem jitlob lill-Madonna tikseb lill-Ordni approvazzjoni pontifiċja? Ma jidhrilniex li dan hu minnu.

Jekk wieħed jifli Gradwal tas-seklu XV, isib li s-salvazzjoni eterna, miksuba bl-interċessjoni ta' Marija, hija msejħa privileġġ: "(B.M.V.) A quo, quod es condonatrix peccatorum, et salvatrix, habes privilegium".[37]

Fil-fehma ta' Esteve, il-privileġġ li San Xmun Stock kien qiegħed jitlob lill-Madonna ma kienx ħlief sinjal tal-protezzjoni tagħha materna, biex l-opri tagħna l-Karmelitani, permezz tal-grazzja, jkollhom valur soprannaturali, u b'hekk nimmeritaw li niksbu l-ħajja ta' dejjem: "*Privilegium ergo nihil aliud tandem aliquando erat quam signum protectionis Dominae loci, Matris nempe Carmeli.... Hoc sensu*

31. *Nozioni di critica testuale*, in *Il messaggio della salvezza*, 1968, p. 235: "Una lezione più difficile è da preferirsi in generale a una lezione facile".
32. *O.c.*, l.c., p. 235: "È da considerarsi lezione genuina quella che può spiegare l'origine delle altre lezioni".
33. *L'adoption des enfans de la Vierge dans l'Ordre et la cofrairie de Nostre Dame du Mont Carmel*, Paris, 1641, p. 736.
34. *De valore spirituali devotionis S. Scapularis*, Romae, 1953, p. 286.
35. *Directorium chori (sive Processionale) ordinis fratrum beatissimae Dei Genitricis semperque Virginis Mariae de monte Carmelo*, Lisbonae, 1754, p. 151.
36. Cf. Xiberta, *De visione*, p. 291, n. 33.
37. Serapion de Iragui, O.F.M. Cap., *La mediacion de la Virgen en la himnografia latina de la edad media*, Roma, 1938, p. 196; cf. Esteve, *o.c.*, p. 286.

*privilegium marianum s. Scapularis specialem prae se fert protectionem maternam pro tota vita spirituali, ita ut, supernaturaliter operantes ex influxu gratiae ... vitam aeternam nobis promissam tandem merito consequamur".*[38]

Iżid, li din kienet it-tifsira tal-kelma "privileġġ" (marjan) fil-Latin ta' klassi medja u l-aktar ordinarja, kif wieħed jista' jara fil-*Glossarium ad scriptores mediae et infimae latinitatis*, ta' C. Du Cange.[39]

## KONKLUŻJONI

Rajna li, fost l-eqdem dokumenti li fihom tinstab il-**FLOS CARMELI**, l-ewlieni huwa missal manuskritt ta' Londra. Iżda, billi fih il-**FLOS CARMELI** mhix sħiħa, ma nafux jekk il-frażi li tiġi wara *Carmelitatis* hijiex*da privilegia* jew *esto propitia*. Wara dak il-missal, jiġi l-*Catalogus Sanctorum.*. Skond Ludovico Saggi, f'kodiċi ta' dan id-dokument li hemm f'Bamberg, hemm imnizzel "*esto propitia*". B'danakollu huwa stess jammetti li dan il-kodiċi huwa xi ftit posterjuri għall-kodiċi ta' Pariġi u għal *Legendae abbreviatae* (=kodiċi ta' Brussels). U dan ta' Pariġi, kif ukoll kodiċi ieħor ta' Bamberg, u kodiċi ta' Oxford, it-tnejn tas-seklu XV, iġibu "*da privilegia*". Mhux biss, imma saħansitra fl-istess *Legendae abbreviatae* insibu prova indiretta favur id-*da privilegia*.

Fost il-kittieba mbagħad ta' l-Ordni ma nafux ħlief bix-xettiku John Bale li, għalkemm iniżżel "*esto propitia*", imma fl-istess uffiċċju jagħmel użu wkoll minn "*da privilegia*" u "*sis proitia*". Din ta' l-aħħar, għad li grammatikalment hija aħjar mit-tnejn l-oħra, imma mhix tajba fil-**FLOS CARMELI**, għax tnaqqas sillaba lill-vers fejn hi qiegħda. L-istess nistgħu ngħidu għal awtur mhux magħruf li kiteb uffiċċju u quddiesa għas-solennità tal-Madonna tal-Karmnu. Kemm f'wieħed u kemm f'oħra, dejjem niżżel "*sis propitia*".

Fi żmienna Saggi biss, sa fejn nafu aħna, jidhirlu li huwa iżjed possibli li, fil-missal ta' Londra, kien hemm "*esto propitia*". Ma naqblux miegħu għal żewġ raġunijiet għax imur kontra r-regoli tal-kritika testwali, u għaliex l-argumenti li jġib huma sofiżmi. Għalfejn ngħawġu l-fatti u nħassru talba poetika li min nisiġha għoġbu jikteb "*da privilegia*"? L-għaqli għandu jfittex is-sewwa.

38. Esteve, p. 287.
39. *Ib.*: "Haec namque erat significatio vocis "privilegii" in latinitate media atque infima, prout videre est apud Du Cange" (ed. nova, t. 6, Niort, 1886, p. 510.

V i r g o



S c a p u l a r i s